MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 131/2013

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Doreen Tabone**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u sittin Euro sitta u sittin centezmu (€4,467.66) skont dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati Dok A, B, C, D, E u F liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizzi tat-telekomunikazzjoni numri 79563717 u 79563707 (kontijiet numri 51108140 u 51108120) moghtija mis-socjeta' attrici, skond u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez, u drittijiet tal-prezenti proceduri, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.,

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2015 u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-25 ta' Marzu, 2015, il-konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija sebgha u sittin Euro u sitta u sittin centezmu (€4,467.66) bl-ispejjez, u drittijiet tal-prezenti proceduri, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------